MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Numru. 242/2003

PULIZIJA
SPETTUR  MARTHESE MICALLEF
VS
JOSEPH MARY ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Mary Zammit ta’ 48 sena, iben Nicholas u Anne nee Mizzi, imwieled Cospicua fis-7 t’Ottubru 1954 u li joqghod Jonaviz, Triq is-Sorijiet, Tarxien detentur ta’ karta tal-identita numru 746854M talli bejn il-11 t’April 1995 u 19 ta’ Settembru 2000 fil-fond Jonaviz, Triq is-Sorijiet, Tarxien detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f’idejh l-imsemmi fond, b’diversi  atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;
Ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm1000 (Lm1018.97,6) ghad-dannu tal-

korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

Talli ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267 u 270, 325 u 326 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------